Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Marzu 2022
(OR. fr)

7521/22

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0806(CNS)**

IXIM 61
CRIMORG 35
ENFOPOL 150
ENFOCUSTOM 45
JAI 386

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 13919/21; 14836/21 |
| Suġġett: | Deċiżjonijiet ta' Prüm: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data tad-DNA fl-Italja<br>– Adozzjoni |

1. Fit-**2 ta' Diċembru 2021**, il-parteċipanti tal-vidjokonferenza informali tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Informazzjoni tal-ĠAI (IXIM) approvaw ir-rapport dwar iż-żjara ta' valutazzjoni rigward l-iskambju ta' **data dwar id-DNA** għall-**Italja** (13918/21 IXIM 233 CRIMORG 128 ENFOPOL 432 ENFOCUSTOM 158 JAI 1230) kif ukoll ir-rapport ġenerali (13919/21 IXIM 234 CRIMORG 129 ENFOPOL 433 ENFOCUSTOM 159 JAI 1231) ibbażat fuq il-kwestjonarju, fuq żjara ta' valutazzjoni u fuq prova pilota.

2. Fil-konferenza tat-**2 ta' Diċembru 2021**, ġie rikonoxxut li kull Stat Membru marbut bid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI jaqbel li ġew issodisfati l-kondizzjonijiet biex il-Kunsill jikkonkludi li, għall-finijiet ta' skambju awtomatizzat ta' **data dwar id-DNA, l-Italja** implimentat b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.

3. Konsegwentement, fid-**9 ta' Diċembru 2021**, il-Kunsill adotta abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI li jikkonċernaw l-**Italja** fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' **data dwar id-DNA**, li jinsab fid-dokument 14745/21 IXIM 275 CRIMORG 152 ENFOPOL 488 ENFOCUSTOM 180 JAI 1361.

4. Kif previst fid-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat, fit-**22 ta' Diċembru 2021** il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta l-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' **data dwar id-DNA** fl-**Italja**, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 14836/21 IXIM 282 CRIMORG 156 ENFOPOL 494 ENFOCUSTOM 187 JAI 1380.

5. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-**24 ta' Marzu 2022**.

*6. Abbażi ta' dan, il-COREPER huwa mitlub:*

– *jippreżenta r-rapport ġenerali* (13919/21 IXIM 234 CRIMORG 129 ENFOPOL 433 ENFOCUSTOM 159 JAI 1231) *lill-Kunsill; u*

– jistieden lill-Kunsill biex jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' **data dwar id-DNA** fl-**Italja** (14836/21 IXIM 282 CRIMORG 156 ENFOPOL 494 ENFOCUSTOM 187 JAI 1380).